# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI TA' MALTA

## MAGISTRAT DR FRANCESCO DEPASQUALE

**Seduta ta' nhar il-Hamis l-ewwel (1) ta' Frar 2018**

**Rikors Numru 320/17 FDP**

**Fl-atti tal-Ittra Ufficjali Nru 817/2017 u**
**l-Mandat ta' Sekwestru Nru 963/2017**
**fl-ismijiet**

**Simon Grech**
**(ID 640882M)**

**vs**

**Maria Deguara**
**(ID 652782M)**

Il-Qorti:-

Rat ir-rikors promotur ippresentat fit 23 ta' Ottubru 2017 fejn ir-rikorrent Maria Deguara talbet is-segwenti:

> *Illi nhar id-19 ta' April 2017 l-attur Simon Grech ippresenta ittra ufficjali taht l-artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta (kopja tal-ittra recipita mir-rikorrenti hi hawn annessa u mmarkata bhala Dokument A), liema ittra giet notifikata lir-rikorrenti mhux skond gi u cioe mhux guramentata kif tghid il-ligi fl-Artikolu 166A (2):*
>
> *"II-kreditur ghandu jmexxi billi jipprezenta ittra ufficiali, illi ghandha tkun skont forma stabbilita mil-Ministru responsabbli ghall Gustizzja b'avviz legali u* ***illi I-kontenut taghha ghandu jigi konfermat bil-gurament mill-kreditur****, jew quddiem ir-registratur jew prokuratur legali mahtur bhala Kummissariu bis-setgha li jaghti gurament taht l-Ordinanza dwar i-Kummissjunarji b'setgha li jaghtu l-Gurament,* ***li ghandha tigi notifikata lid-debitur fejn ghandu jigi dikjarat b'mod car, taht piena ta' nullita, ir-raguni li fuqha tkun imsejsa t-talba, ir- ragunijiet ghaliex it-talba ghandha tintlaqa, u dikjarazzioni tal-fatti b'sostenn tat-talba.****"*

*Illi fil-korp tal-ittra ufficiali notifikata fuq ir-rikorrenti minn imkien ma kien jidher li l-ittra ufficjali giet guramentata u lanqas fil-korp ittra ufficjali stess ma jinghad li l-kreditu tal mittenti kien guramentat, u ghallhek dik l-ittra kif notifikata ma setghetx isservi biex tirrendi it-titolu tal-mittenti esekuttiv skond il-ligi u essendo lit-titolu tieghu jigi res esekuttiv minghajr ebda smiegh xieraq skond illigi kien izjed imperattiv li r-rekwisti tal-ligi jigu skrupolosament osservati;*

*Illi ghalkemm ma gietx notifikata skond il ligi, din ittra ufficiali xorta wahda giet reza ezekuttiva b'digriet tad-29 ta' Meiju 2017, iffirmat mid-deputat registratur. Illi attur ippresenta wkoll mandat ta' sekwestru esekuttiv bin-numru 963/17 u mandat ta' qbid numru 1806/2017 tal-22 ta' Settembru, 2017;*

*Illi ghalhekk l esponenti kellha tiehu dawn il proceduri sabiex tissalvagwardja l-interessi taghha ghaliex l-ammont dikjarat li huwa dovut fl-istess ittra ufficjali ma huwiex dovut minnha u dan ghaliex ix-xogholijiet kollha li saru fil-'Boutique Hotel' li hu ta' missierha kif inhuma ukoll l-effetti kollha mobbli sitwati fl-istess lukanda fil-fatt ma sarux skond i sengha u arti u kellhom isiru xogholijiet rimedjali li swew hafna flus; Illi ghalhekk dan l-ammont ta' sebghat elef, erbgha mija u tlieta u in Ewro u tlieta u sittin centezmu (€7,493.63) ma humiex certi likwidi u dovuti bhalma ddikjara l-attur fl-ittra ufficiali ai termini ta' l-Artikolu 166A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Ghaldaqstant is-socjeta rikorrenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex*

*(i) tiddikjara illi din l-ittra uffijcali 166A bin-numru 817/2017 ma gietx notifikata skond il-ligi ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta u konsegwentement tiddikjara li l-istess ittra ufficjali ma hijiex ezekuttiva ghar-ragunijiet fuq imsemmija u (ii) tiddikjara li I-mandat ta' sekwestru bin-numru 963/17 huwa nuli u bla fil-ligi u li konsegwentement ghandu jigi effett rexxiss, salv kull provvediment iehor li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u opportun.*

Rat illi fil-25 ta' Ottubru 2017 il-Qorti appuntat il-kaz ghas-smiegh ghas-6 ta' Novembru 2017 filwaqt illi ordnat in-notifika lill kontroparti bid-dritt ta' risposta.

Rat ir-risposta ta' Simon Grech ippresentata fit 3 ta' Novembru 2017 fejn laqa' ghal dak mitlub billi qal is-segwenti:

*Illi, din hija risposta ghal rikors imdahhal fl-atti tal ittra hawn fuq premess u dan in ottemperanza ta' digriet moghti minn dina l-Onorabbli Qorti fil- 25.10.2017.*

*Illi, ir-rikorrenti, fir-rikors taghha filwaqt li tikkowta verbatim l-Art. 166A (2) tal-Kap. 12 taghmel riferenza ukoll ghal kopja tal-ittra li giet debitament notifikata biha fil-25.04.2017.*

*Illi, l-abbli Avukat Prof. Ian Refalo jenfasizza il-porzjoni relattivi tal-ligi fejn din tghid, in succint, li l-ittra interpellatorja taht l-Art. 166A irid ikollha:*

*"...I-kontenut taghha ... konfermat bil-gurament mill-kreditur ....(....).... li ghandha tigi notifikata lid-debitur fein ghandu jigi dikjarat b'mod car, taht piena ta nullita, ir-raguni li fuqha tkun imsejsa it-talba, ir-ragunijiet ghaliex ghandha tintlaqa', u dikjarazzioni tal-fatti b'sostenn tat-talba"*

*Illi, l-ewwel l-oggezzjoni imqajjma fir-rikors tidher li tirrigwarda l-assenza tal-element ta' gurament tal-kreditur fuq l-ittra u li "lanqas fil-korp tal-ittra ufficiali stess ma jinghad li l-kreditu tal mittenti kien guramentat"*

*Illi, it-tieni oggezzjoni tidher li tirrigwarda l-ezekuzzjoni tat-titolu ezekuttiv, fis-sens li Maria Deguara ma hijiex il-legittima kontraditrici stante li il-Boutique Hotel huwa ta' missierha kif inhuma l-oggetti mobbli sitwati fl-istess lukanda u kif ukoll ghaliex ix-xoghol tal-intimat Simon Grech ma sarx skond is sengha w l-arti;*

*Illi, in segwitu ghalhekk talbet li jigi ddikjarat li l-ittra ufficjali premessa ma' gietx notifikata skont il-ligi u konsegwentement hi null u bla effett, kif ukoll talbet ir-rexissjoni tal-mandat tal sekwestru li inhareg abbazi tal-istess ittra;*

*Illi, l-ewwel u qabel kollox intimat qieghed permezz ta' din ir risposta jirrespingi, ghal kwantu dan jista' jkun mehtieg, l-argumenti migjuba fil-konfront tieghu fir-rigward tax-xoghol li allegatament sar mhux skond is-sengha w l-arti li trid ill professjoni tieghu u kif ukoll l-premessa li l-Boutique Hotel hija ta' missier ir rikorrenti, bhala kollha infondati fil-fatt u fid-dritt;*

*Illi, fit-tieni lok qieghed jigi respint ukoll it-tezi tal-abbli avukat tar-rikorrenti li l-ittra 166A premessa hija affetta minn xi difett jew jonqosha xi wiehed minn dawk I-elementi necessarji elenkati fil ligi, li n-nuqqas ta' xi wahda minnhom jrrenduha null u bla effett;*

*Illi, l-ewwel nett, il ligi trid li ittra mibghuta taht Art. 166A tal-Kap.12 tigi guramentata mill-kreditur jew quddiem registratur jew prokuratur legali mahtur bhala kummissarju bis-setgha li jaghti gurament u in sostenn ta' dan, l-intimat Simon Gre qieghed jannetti kopja legali tal-ittra originali kif ipprezentata lill-Registratur tal-Qorti fejn huwa ferm vizibbli u evidenziat il-gurament moghti mill-kreditur Simon Grech fid-19.04.2017 liema kopja qegheda tigi immarkata DoK'A';*

*Illi, it-tieni nett, il-ligi taghmilha cara li "il-kreditur ghandu jmexxi billi jipprezenta ittra ufficiali...li l-kontenut taghha ghandu jigi kkonfermat bil gurament" u ghalhekk huwa car li l-ittra ufficjali li-ligi qegheda titkellem dwanha hija dik li tigi pprezentata lir-Registratur u dik biss -f'dan is sens ma jistghax ikun hemm aktar minn kopja originali wahda;*

*Illi, isegwi kwindi li meta il ligi tkompli tghid "li ghandha tigi notifikata lid-debitur" din qegheda tirreferi ghal kopja u mhux l-originali, li din ta' l-ahhar trid tibqa' ghand ir-Registratur. Il-ligi pero ma tieqafx hemm. ll-ligi tkompli tghid li dak li in-nullita' ma hijiex in nuqqas ta gurament fuq il kopia notifikata izda dak li jgib in-nullita' tassativament huwa biss jekk ma tikkontjenix "in-raguni li fuqha hija imsejsa it-talba ir-ragunijiet ghaliex it-talba ghandha tintlaqa' u dikiarazzioni tal fatti insostenn tat-talba';*

*Illi, stante li ma jirrizultax mill-ligi li l-kopja notifikata trid tkun guramentata ukoll, u stante li dawk elementi ohra ta' raguni ghat talba, dikjarazzjoni tal-fatti u r-raguni ghalfejn it-talba ghandha tintlaqa' huma kollha prezenti ifisser li l-ittra kif ipprezentata u notifikata, hija skond il ligi u ghalhekk kwalsiasi titolu ezekutttiv imsejjes fuq dik l-ittra hija valida ukoll;*

*Illi, perlopiu ma hijiex l-ittra notifikata lil-kontroparti li tigi reza ezekuttiva jekk l-estremi tal-Art 166A (4) ma jigux osservati minn min jircievi l-ittra bhalma gara f'dan il-kaz, imma propju dik li tigi pprezentata lir-Registratur;*

*Illi, jekk kellha tkun il-kopja notifikata lill-debitur li kellha tkun guramentata ifisser li l-kreditur qatt ma jkun jista' jgib titolu ezekuttiv!*

*Illi, semmai oppozizzjoni ghall-ittra 166A ghal bdak li jirrigwarda it-tieni oggezzjoni, riedet issir skond it-termini tal-Art. 166A (4) stante li hi kienet avzata b'dan it-terminu ta' tletin (30) gurnata fis-sens tal-Art. 166A (3) tal- Kap. 12;*

*Illi, minghajr pregudizzju u subordinatament ghas-suespost, ir-ragunijiet migjuba fil-bqija ta rikors - legittimu kontadittur, proprjeta mhux appartenenti lilha u xoghol mhux skond is-sengha w l-arti barra mill-fatt li huma kollha inveritjieri, ma jistghawx iservu biex iwaqqghu it-titolu ezekuttiv validu ottenut, u dana ai termini tal-Art. 166A (5) regolat permezz tas-subinciz (6) tal-Kap. 12;*

*Ghal dawn il-motivi hawn supremessi kif ukoll dawk il provi producibbli fl istadju tas-smigh ta' dan ir-rikors, it-talbiet tar-rikorrenti m'ghandhomx jintlagghu*

Semghet ix-xhieda ta’ **Maria Deguara** moghtija fit 30 ta’ Novembru 2017

Rat illi fit 30 ta’ Novembru 2017 il-kawza giet differita ghall-25 ta’ Jannar 2018 ghall-provi ta’ Simon Grech u ghat-trattazzjoni finali.

Semghet ix-xhieda ta’ **Simon Grech** moghtija fil 25 ta’ Jannar 2018.

Semghet ix-xhieda ta’ **Ronnie Vassallo** moghtija fil 25 ta’ Jannar 2018.

Semghet it-trattazzjoni ta’ l-abbli difensur ta’ l-intimat Simon Grech moghtija fil 25 ta’ Jannar 2018, wara liema data il-kawza giet differita ghas-sentenza a tenur tal-verbal tat-30 ta’ Novembru 2017.

## Ikkunsidrat

L-Artikolu 166(A) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, jipprovdi illi

*(1) F’azzjonijiet għall-ħlas ta’ dejn ċert, likwidu u li għalaq u li ma jkunx jikkonsisti fl-esekuzzjoni ta’ fatt u meta l-ammont tad-dejn ma jkunx jeċċedi ħamsa u għoxrin elf euro (€25,000), jew dik is-somma l-oħra li tista’ tiġi stabbilita minn żmien għal żmien b’Ordni fil-Gazzetta mill-Ministru, il-kreditur ikun jista’ jipproċedi skont dawn is-subartikoli ta’ dan l-artikolu li ġejjin:”*

....

*(2) Il-kreditur għandu jmexxi billi jippreżenta ittra uffiċjali, illi għandha tkun skont forma stabbilita mill-Ministru responsabbli għall-Ġustizzja b’avviż legali u illi l-kontenut tagħha għandu jiġi konfermat bil-ġurament mill-kreditur, jew quddiem ir-reġistratur jew prokuratur legali maħtur bħala Kummissarju bis-setgħa li jagħti ġurament taħt l-Ordinanza dwar il -Kummissjunarji b’setgħa li jagħtu l-Ġurament, li għandha tiġi notifikata lid-debitur fejn għandu jiġi dikjarat b’mod ċar, taħt piena ta’ nullità, ir-raġuni li fuqha tkun imsejsa t-talba, ir-raġunijiet għaliex it-talba għandha tintlaqa’, u dikjarazzjoni tal-fatti b’sostenn tat-talba:*

....

*(3) L-ittra uffiċjali għandu wkoll ikun fiha taħt piena ta' nullità intimazzjoni lid-debitur li jekk huwa ma jweġibx fi żmien tletin jum mindu jiġi notifikat bl-imsemmija ittra uffiċjali billi jippreżenta nota fl-atti ta' dik l-ittra uffiċjali li fiha tiġi respinta t-talba u li tista' tiġi ffirmata u ppreżentata fil-qorti mid-debitur stess mingħajr il-ħtieġa ta' firma ta' Avukat jew Prokuratur Legali, dik l-ittra uffiċjali tkun tikkostitwixxi titolu eżekuttiv:"*

Jirrizulta illi skond is-subartikolu (5) tal-istess Artikolu 166A, Titolu Ezekuttiv jista jigi attakat u, dikjarat null u bla effett jekk, fi zmien ghoxrin gurnata minn meta ssir in-notifika tal-Mandat Ezekuttiv, ssir proceduri quddiem dina l-Qorti u

*.... il-qorti tkun sodisfatta:*

*(i) li d-debitur ma kienx jaf b'dik l-ittra uffiċjali għaliex huwa ma kienx notifikat kif imiss; jew*
*(ii) li l-ittra uffiċjali ma kienx fiha l-ħtiġijiet stipulati fis-subartikoli (1), (2) jew (3):*

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta illi ir-rikorrenti, fit-talba taghha, fis-succint, qieghda titlob ghar-rexissjoni tal-Ittra Ufficjali lilha notifikata u li ghaliha hija naqqset milli tirrispondi entro t-terminu moghti lilha mill-Ligi ghax, skond hi:

- L-Ittra Ufficjali ma gietx kkonfermata bil-gurament;
- Id-dejn ma kienx wiehed cert, likwidu u dovut;
- Ix-xoghlijiet ma sarux fuq inkariku taghha izda fuq inkariku ta' missierha illi huwa s sid tal-hotel 'Boutique Hotel'

Jirrizulta, mill-provi prodotti, illi ghalkemm il-kopja mghoddija lir-rikorrent ma kienx fiha l-gurament fiha, kif jidher fid-dokument minnha esebit a fol 3 tal-process, attwalment l-Ittra Ufficjali originali illi giet ippresentata fir-Registru u li kopja taghha giet esebita minn l-intimat Simon Grech a fol 14 giet debitament kkonfermata bil-gurament mill-istess Simond Grech dakinhar stess tal-presentata tal-Ittra Ufficjli fir-registru, ossija fid 19 ta' April 2017.

Jirrizulta illi, ghall-intimat, illi kien ippresenta l-Ittra Ufficjali meritu tal-kawza odjerna, id-dejn kien certament wiehed cert likwidu u dovut, stante illi x-xoghol illi kellu jaghmlu kien tlesta u ma kienx qieghed jitlob ghal ezekuzzjoni ta' fatt izda kien qieghed jitolb li jithallas ghal dak dovut lilu ghax-xogholjijeit minnu maghmulha.

Jirrizulta, mill-banda l-ohra, illi l-argumentazzjoni imqajjma mir-rikorrenti dwar xoghol hazin kif ukoll illi hija ma kienetx il-legittima kontradittur kienu argumentazzjoni illi l-istess rikorrenti kellha kull dritt illi tqajjem entro t-terminu ta' tletin gurnata moghtija lilha, liema argumenti, madanakollu, hija ma ressqietx stante illi, entro it-terminu ta' 30 gurnata, naqqset milli tirrispondi ghalkemm kienet notifikata hija personalment fl-24 ta' April 2017 (vide fol 14 tergo)

Jirrizulta illi r-rikorrenti qieghda issa tittenta illi tqajjem tali argumentazzjoni wara illi l-Ittra Ufficjali giet rezaezekuttiva fid 29 ta' Mejju 2017, liema argumentazzjoni, ma tistax tigi

kkunsidrata minn dina l-Qorti stante illi t-talba ghal rexissjoni hija ristretta biss ghal dak pprovdut fis-sub artikolu (5) tal-Artikolu 166A, aktar il-fuq kkwotat.

Jirrizulta, ghalhekk, illi t-talba tar-rikorrenti ma tistax tigi milqugha.

**Konkluzjoni**

Il-Qorti,

Wara illi rat il-provi kollha prodotta quddiemha,

Wara illi semghet is-sottomissjonijiet ta' l-abbli difensuri ta' l-intimat

Tghaddi biex taqta u tiddeciedi l-kaz billi

**Tichad** it-talba attrici

**Spejjez** kollha tal-proceduri odjerni ikunu a kariku tar-rikorrenti.

**Magistrat Francesco Depasquale**

**Rita Sciberras**
Deputat Registratur